# TIFKIRA ANTON BUTTIGIEG



950

# IL-KEBBIES TAL-FANALI

Kull fl-għaxija
kif ma' l-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum,
jiġi Majsi bis-sellum,
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken,
li tal-lejl itaffi d-dieqa.

Saħħti wkoll
qed inħossha tmut kuljum,
iżda msejkna l-poeżija,
kull fl-għaxija,
dlonk tixxabbat mas-sellum,
u ġo qalbi
tixgħel naqra ta' fanal,
illi jtaffi ftit id-dieqa sa ma jmut ta' ħajti l-fdal.

Alla ħares ma kienx Majsi
illi jagħmel ftit tad-dija;
u ma' Majsi – Alla ħares –
ma kenitx il-Poeżija!

ANTON BUTTIGIEG: Kleriku, Nutar, Avukat, Maġistrat, Poeta, Politiku, Ministru, Aġent Prim Ministru, President ta' Malta. Fil-qasam soċjali, ħa sehem f'kull tip ta' attività li kellha bidu fiż-żmien bikri tal-ġlieda favur l-ilsien Malti.

Bħala Politiku kiteb u tkellem bil-lingwa tal-Partit li kien iħaddan kemm fl-iktar żmien ikraħ tas-sittinijiet kif ukoll fl-isbaħ żmien ta' Malta – il-kostituzzjoni ġdida ta' Malta Repubblika. Bħala President ta' Malta tkellem bl-ilsien ta' missier bir-responsabbiltà tal-ġid tan-Nazzjon ġdid Malti kollu kemm hu.

Bħala kittieb u Poeta, ħalla numru kbir ta' kotba li kollha huma mirquma b'sensiela ta' tagħlim folkloristiku, politiku, storiku u naturali.

Anton ma tistax tpinġih b'dawn l-erba' kelmiet biss; il-frażi li biha tista' tolqot lil din il-figura nazzjonali hija billi tattribwixxi lilu t-titolu ta' 'A Man for all Seasons'.

UGO D. MIZZI



# MIN KIEN ANTON BUTTIGIEG?

Anton Buttigieg twieled fir-raħal tal-Qala, ġewwa Għawdex, fid-19 ta' Frar 1912, it-tielet tifel ta' Salvu u Konċetta, xebba Falzon. Huwa qatta' tfulitu jgħix f'dan ir-raħal, fejn tgħallem fl-Iskola Primarja tal-Gvern (1916-1922) u wara fis-Seminarju ta' Għawdex (1923-1927).

Ġie mal-familja tiegħu, ta' sittax-il sena, joqgħod il-Ħamrun. Attenda l-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara (1928-1930), minn fejn imbagħad daħal l-Università fejn ħa l-Baċċellerat ta' l-Arti fl-1934 u l-lawrja ta' avukat fis-sena 1940. Fiż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija, Anton Buttigieg serva bħala Spettur fil-Korp tal-Pulizija u wara l-gwerra kien ħadem bħala Avukat.

Huwa żżewweġ, fl-1944, lil Carmen Bezzina mill-Ħamrun, li minnha kellu tliet itfal - John, Rose u Emmanuel. Martu Carmen kienet mietet fis-sena 1948, u ħallietu bi tliet itfal żgħar. Huwa reġa' żżewweġ, fl-1953, lil Connie Scicluna, li huwa kien tilef ukoll tliet snin wara, meta mietet ġewwa Paignton, fis-sena 1956.

## DAĦAL FIL-POLITIKA

Fl-1944 Anton Buttigieg ngħaqad ma' l-Allied Malta Newspapers Ltd., fejn baqa' sal-1948, u ħadem bħala reporter tal-Qorti u Leader Writer. Huwa kien ikkontesta għall-elezzjonijiet parlamentari fl-1951 mingħajr suċċess mal-Partit Kostituzzjonali.

Sena wara kien issieħeb mal-Partit tal-Ħaddiema u kien ġie elett fl-1955 bħala Membru Laburista fil-Kamra tar-Rappreżentanti. Sena qabel huwa kien serva bħala aġent Maġistrat. Kien ġie elett fil-Parlament fl-elezzjonijiet kollha li kienu saru wara, sa meta huwa kien irriżenja f'Ottubru tal-1976 sabiex ikun elett President tar-Repubblika.

Mill-1959 sal-1961 kien President tal-Partit tal-Ħaddiema u mill-1962 sal-1976 huwa kien id-Deputat Mexxej tal-Partit. Meta l-Partit tal-Ħaddiema kien reġa' ħa l-Gvern fl-1971, Anton Buttigieg kien inħatar Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari.

## INGĦATA L-INTERDETT

F'din il-kariga, huwa kien responsabbli minn programm vast leġislattiv li tressaq u għadda mill-Parlament Malti, li permezz tiegħu twettqu għadd ta' riformi soċjali u amministrattivi. Però l-akbar monument f'pajjiżna li jfakkar lil Anton Buttigieg hija l-Kostituzzjoni Repubblikana, li tagħha huwa kien l-arkitett prinċipali. Din kienet l-ewwel kostituzzjoni li qatt tfasslet mill-Maltin għall-Maltin.

Anton Buttigieg kien wieħed mill-protagonisti fil-ġlieda politiko-reliġjuża tas-snin sittin. Kien wieħed mill-kelliema ewlenin fil-meetings kbar li kien jorganizza l-Partit tal-Ħaddiema f'dawk iż-żmenijiet. Dejjem għaraf jiddistingwi bejn reliġjon u politika. Kien jitkellem is-sewwa kif kien jemmen u kif kien iħoss, bħalma kienu jemmnu u jħossu l-Laburisti kollha. U bħalhom huwa kien sofra u bata' u kien qala' l-interdett.

Bħala delegat tal-Partit tal-Ħaddiema, Anton Buttigieg ħa sehem f'diversi kungressi u konferenzi internazzjonali. Huwa kien jifforma parti mid-delegazzjoni li żaret diversi pajjiżi tal-Mediterran titlob l-għajnuna u l-appoġġ għall-ħelsien ta' Malta. Huwa kien l-ewwel Malti li kien tkellem fl-Organizazzjoni tal-Ġnus Magħquda meta kien indirizza lill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kolonjaliżmu, f'Mejju tas-sena 1964.

Anton Buttigieg kien wkoll ħa sehem fil-Konferenzi Kostituzzjonali dwar Malta li kienu saru f'Londra kemm fl-1958 u kemm fl-1964. Huwa kien il-konsulent ewlieni tal-Partit tal-Ħaddiema u kien fassal id-diversi emendi li kien ressaq il-Partit tal-Ħaddiema għall-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza.

Huwa kien ukoll l-ewwel avukat li kien ressaq u mexxa l-ewwel każ fuq id-drittijiet tal-bniedem li kien qatt sar fil-Qrati ta' Malta u kien ukoll ressaq l-ewwel każ li qatt tressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta. Kien ukoll rappreżentant fl-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill tal-Ewropa bejn l-1967 u l-1971, fejn kien ġie elett ukoll Viċi-President ta' l-istess Assemblea bejn l-1967 u l-1968.

## ELETT PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA

Fl-1975, Anton Buttigieg iżżewweġ lil Margery Patterson, minn Dundee, fl-Iskozja, li kienet ġiet toqgħod Malta erba' snin qabel. Sena wara t-tielet żwieġ tiegħu, fl-1976, Anton Buttigieg kien irriżenja mill-Parlament u fis-27 ta' Diċembru, 1976 huwa kien elett it-tieni President tar-Repubblika.

B'hekk, wara li għadda s-snin jaħdem u



jitqabad għal pajjiżu fil-ħidma politika tiegħu, sab ruħu maħtur bħala Kap ta' l-Istat ta' Malta f'mument meta kien wasal iż-żmien li jippresiedi fuq it-tluq tal-forzi barranin, li għal sekli u sekli sħaħ kienu ilhom jaħkmu lil din il-gżira u jippresjiedi wkoll fuq l-inawgurazzjoni ta' era ġdida ta' ħelsien mill-ħakma tal-barranin f'dawn il-gżejjer. Kien l-aktar mument għażiż ta' ħajtu!

Tul iż-żmien tiegħu bħala President, huwa żamm fil-għoli din l-ogħla kariga l-aktar bid-diskorsi sbieħ u patrijottiċi li huwa kien iħobb jagħmel u li fihom ma kienx jonqos illi jdaħħal ukoll il-poeżija, li tant kien iħobb.

## KIEN UKOLL POETA

Għax Anton Buttigieg għamel ukoll isem sabiħ fil-letteratura Maltija. Huwa kiteb l-ewwel poeżija tiegħu meta kien għad kellu sittax-il sena. Il-versi tiegħu jidwu l-ġmiel u s-seħer ta' l-art fejn trabba u għadda żogħżitu - Għawdex. Il-kritiċi sejħulu poeta tan-natura u poeta romantiku.

# LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA

## TAĦT IL-PATROĊINJU TAL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA
## L-EĊĊELLENZA TAGĦHA S-SINJORINA AGATHA BARBARA

### PROGRAMM

**L-EWWEL PARTI:**
Qari ta' Poeżiji u Kitba oħra ta'
Anton Buttigieg

Jieħdu sehem:
Qarrejja: George Attard,
Charles Caruana,
Anton Grasso,
George Portelli,
Raymond Mahoney,
Eileen Montesin,
Charles Xuereb,
Josephine Zammit Cordina.

L-Orkestra tat-Teatru Manoel
taħt id-direzzjoni ta'
Mro. Joseph Sammut

INTERVALL

**IT-TIENI PARTI:**
Il-Ballata: "Il-Kappella tal-Paċi"
Kliem: Anton Buttigieg
Mużika: Mro. Ġużè Pace

Is-Soprana Rosabelle Buttigieg
Mary Rose Mallia
Renato

Il-Grupp Żepp u Grezz
mgħallma minn
Lilian Theuma

TEATRU MANOEL

Direttur tal-Lejla: George Peresso

Is-Sibt, 12 ta' Novembru, 1983

Meta kien għadu student fl-Università, Anton Buttigieg kien wieħed mill-ħabrieka għall-ilsien Malti u kien wieħed mill-fundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Huwa kien Membru ta' l-Akkademja tal-Malti. Fl-1971 huwa rebaħ l-Ewwel Premju tal-Gvern Malti għall-Poeżija. Fl-1972 huwa rebaħ il-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" għall-Poeżija u fl-1975, iċ-"Circolo Culturale Rhegium Julii" ta' Reggio Calabria tah plakka tal-fidda għall-Poeżija.

Iċ-"Centro Culturale Mediterraneo" ta' Palermo fl-1977 tah il-Premju Internazzjonali tal-Kultura tal-Mediterran għall-Poeżija. Fl-1979, iċ-"Centro Culturale Artistico Letterario" tal-belt ta' Brindisi tah l-ewwel premju u diploma speċjali għall-Poeżija. Fl-istess sena huwa rebaħ l-Ewwel Premju fil-kompetizzjoni tal-Premju Letterarju ta' Malta għax-xogħol ta' l-ewwel volum ta' l-awtobijografija tiegħu – "Toni l-Baħri".

Fost il-kotba tiegħu ta' poeżija, li huma ħafna, ta' min isemmi "Fanali bil-Lejl"; "Qasba mar-Riħ"; "Il Mare di Malta" – għażla ta' poeżiji maqluba fit-Taljan; "Il-Għanja tas-Sittin"; "The Lamplighter" (Il-kebbies tal-Fanali) – għażla ta' poeżiji maqluba għall-Ingliż. Dawn il-poeżiji ġew maqluba wkoll fl-ilsien Slovan u fil-Ġermaniż.

## IĦOBB IL-MUŻIKA

Anton Buttigieg kellu wkoll għal qalbu l-arti mużikali u soċjetajiet tal-baned. Meta wieħed isemmi lil Anton Buttigieg kważi ta' bilfors irid isemmi lill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tal-Ħamrun, li tagħha huwa kien President mill-1955 sakemm għalaq għajnejh. Huwa kien President attiv u ħabrieki u baqa' ħekk anke matul is-snin li



okkupa l-kariga ta' President tar-Repubblika ta' Malta. Kien maħbub u rispettat mis-soċji u mid-dilettanti tal-Banda.

Kien jieħu interess ħaj u attiv fil-Każin. Kien ħadem, u rnexxielu wara ħafna taqtiegħ il-qalb, sabiex inissel u jġib l-għaqda dejjiema fost il-poplu Ħamruniż. Dan is-sodisfazzjon tiegħu huwa kien jurih u jesprimih fil-festa tal-Ħamrun u fl-okkażjonijiet li fihom kien ikollu l-Ħamrun. Min-naħa tiegħu l-poplu Ħamruniż, immexxi mill-membri tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, wera r-ringrazzjament sinċier tiegħu għal dak kollu li għamel għalih, meta ngħaqad mal-bqija tal-poplu Malti biex jagħtih l-aħħar tislima fil-funeral statali li sarlu.

Anton Buttigieg miet nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju, 1983, fl-Isptar San Luqa, wara marda li huwa ġarrab bis-sabar u bi qlubija, fil-għomor ta' 71 sena.

R. SAMMY SAMMUT.

# ANTON BUTTIGIEG BĦALA POLITIKU

Tħabbibt ma' Anton Buttigieg mill-bankijiet ta' l-iskola, meta kont għadni s-Seminarju ta' Għawdex, bħal ħafna tfal u żgħażagħ tal-ġenerazzjoni tiegħi, li konna msaħħrin mill-kelma Maltija u mġennin għall-poeżija. L-ewwel ma sirt naf lil Anton buttigieg, kien bħala poeta, għalkemm wara ltqajt miegħu bħala ġurnalista u bħala bniedem politiku.

Niftakar li ftit wara li kont bdejt naħdem ta' ġurnalista ma' "Il-Berqa", kont għamilt studju kritiku żgħir fuq il-poeżija ta' Anton Buttigieg, li kien għoġbu ħafna u li kien qal kliem ta' tifħir fuqi mal-poeta Karmenu Vassallo.

Anton Buttigieg kien poeta, avukat, ġurnalista u politiku. Imma fuq kollox kien poeta u naħseb li l-ħidma tiegħu f'dawn l-oqsma kollha li semmejt kienet b'xi mod jew ieħor imżejna b'dak is-sentiment poetiku li jsebbaħ kollox u li qatt ma ħallih tul ħajtu kollha. Anton Buttigieg kien ġawhra tal-Moviment tal-Ħaddiema. Huwa għanna l-ġrajjiet tal-Moviment bħala poeta, id-defendih fil-qrati bħala avukat, u fil-ġurnali bħala ġurnalista u bena l-monumenti leġislattivi tiegħu bħala politiku u Ministru.

Għalkemm Anton Buttigieg huwa wieħed mill-ikbar poeti tal-letteratura Maltija, huwa għamel l-ikbar isem bħala bniedem politiku. Kien elett għall-ewwel darba fil-Kamra tar-Rappreżentanti fl-1955 bħala Membru Parlamentari Laburista.

Mill-1959 sal-1961 Anton Buttigieg kien il-President tal-Partit tal-Ħaddiema u mill-1962 sal-1976 huwa kien id-Deputat Mexxej tal-Partit. Meta l-Partit tal-Ħaddiema kien reġa' ħa l-Gvern fl-1971, huwa kien inħatar Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari.

Anton Buttigieg wera l-ħila tiegħu kemm fil-ġlieda tal-Moviment tal-Ħaddiema għall-indipendenza u għall-ħelsien u kemm bħala Ministru fil-Gvern Laburista. Huwa mexxa għadd ta' delegazzjonijiet tal-Partit tal-Ħaddiema f'pajjiżi barranin biex jiġbor l-appoġġ u l-għajnuna tagħhom għall-ħelsien ta' Malta. Huwa kien ħa wkoll sehem fid-dibattitu tal-Gnus Magħquda dwar Malta.

Anton Buttigieg kien ħa sehem sew fil-ġlieda politiko-reliġjuża tas-Snin Sittin u kien iġġieled dik il-battalja qalila b'sens ta' għaqal, lealtà u sinċerità għall-prinċipji fundamentali tal-Partit tal-Ħaddiema. Huwa kien bniedem ta' konvinzjonijiet reliġjużi sinċieri u profondi u għaraf dejjem jiddistingwi bejn reliġjon u politika. Huwa kien wieħed mill-iljuni tagħna f'dik il-ġlieda qalila mal-Knisja. Kien wieħed mill-kelliema ewlenin fil-meetings kbar li kien ikollu l-Partit f'dawk iż-żminijiet u kien jitkellem b'dik il-ħeġġa u dik is-sinċerità tiegħu kważi reliġjuża, li kienet tiġbdek u tqanqlet.

Meta kien Deputat Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, Anton Buttigieg kien il-bniedem politiku responsabbli tal-programm vast leġislattiv li tressaq u għadda mill-Parlament Malti fl-ewwel perjodu tas-Snin Sebgħin, meta l-Partit tal-Ħaddiema kien daħħal l-ikbar riformi soċjali u amministrattivi fil-pajjiż.

L-istatura tiegħu kemm bħala politiku kif ukoll bħala patrijott u wieħed mill-bennejja tan-nazzjon moderna Maltija, wasslitu biex jokkupa l-ogħla kariga tal-pajjiż, dik ta' President tar-Repubblika, kariga li huwa qeda bl-ikbar dinjità u responsabbiltà.

ANTON CASSAR.

## Anton Buttigieg kien Poeta!

Minn żogħżitu ħass il-ġibda tal-poeżija; minn tfulitu ħass ix-xenqa għall-espressjoni ritmika ta' ħsibijietu fuq kull ma' kiber miegħu, u madwaru; f'daru, fir-raħal ċkejken fejn twieled, fl-arja nadifa tal-Gżira Għawdxija li kien jiġbed f'sidru ma' kull nifs. Kien irid jara kollox, jitgħallem kollox, jifhem kollox u jaħżen f'moħħu w iħawtel ħalli jlesti ruħu għax-xogħol letterarju li kellu jintefa' għalih sa l-aħħar mumenti ta' ħajtu bieżla.

Ir-raġel kien ħaddiem, u x-xogħol t avukat kien ta' responsabbiltà; xogħol li ħtieġlu dejjem il-ħsieb u l-istudju fil-waqt li kien xogħol minnu n-nifsu imbiegħed mill-ħolm, imbiegħed mill-idejal, imbiegħed mill-mużika. Kellu xogħol rgħib għal ħinu u għal saħħtu, u, madankollu, ma seħħlux dan ix-xogħol ibiegħdu mill-Poeżija. Kien prolifiku. Kien esperimentatur, jipprova l-ħin kollu jesprimi ruħu b'kull strument metriku li jolqot lill-għajnejh.

Kiteb ħafna, u kiteb sabiħ. Għanna l-ferħ u d-daħk Għanna n-niket u d-dieqa. Għanna s-sbuħija tan-natura Maltija u l-mumenti kbar ta' l-Istorja tagħna. Għanna twemminu f'Alla. L-anqas fl-aktar waqtiet kefrin tal-ħajja tiegħu qatt ma' ta ħjiel fi vrusu ta' qtigħ il-qalb, ta' disperazzjoni.



Anton Buttigieg kien Poeta kbir, Poeta Malti, Poeta nisrani, li għaraf iżejjen b'ħidmietu kemm il-Letteratura u kemm l-Istorja t'Artna.

J. MICALLEF GRIMAUD

## ŻMIEN IR-REBBIEGĦA
(silta)

Is-sliem għalik, ja Mħabba,
agħmilni l-arpa tiegħek,
arpa ferħana,
ħa' ndoqq imħabba kbira f'kull indana;
imħabba bej' l-agħsafar,
imħabba bejn is-siġar,
imħabba bejn ix-xtieli,
imħabba qalb il-ward ġewwa l-ħammieli;
imħabba bejn il-bnedmin;
ta' kull lewn, ta' kull twemmin,
imħabba bejn l-irjus,
imħabba bejn il-ġnus.
Bħala ħamiema bajda
fuq beraħ u ilmijiet dlonk ibqa' ttajjar
kif ittajjart fil-bidu tal-ħolqien;
u xerred kullimkien
hena, ftehim u sliem
ma' kull żmien.

## TAMA

Mill-kamra tiegħi
ġewwa l-isptar
jien frixt fil-veranda
li tagħti
għal fuq il-ġnien.
Xi ġmiel ta' turf melliesi,
l-isbaħ tapit;
in-nida tiddi
fil-mogħdijiet
bid-dawl tax-xemx bikrija
moħbija taħt is-sħab.
U f'nofs it-turf
hemm siġra kbira
bil-weraq illi nixef,
biċċa mdendel mill-friegħi
u biċċa mifrux taħtha.
Jien ukoll bħas-siġra
bil-weraq li qed jinxef;
'mma fir-rebbiegħa
li ġejja
il-weraq li minni jaqa',
mhux bħal dak tas-siġra,
jerġa' jhaddar fil-friegħi,
iżda jibqa'
niexef għal dejjem,
il-friegħi tiegħi
jibqgħu fil-għera!
'mma l-ebda niket
ma għandi f'qalbi:
jien żgur li s-siġra tiegħi
terġa' tħaddar u twarrad
fl-eternità.

9/12/82
Southmend Hospital-Bristol.

Sponsorjat mill-

Bank of Valletta Limited, Malta